# SCREENING GĦALL-MARDA TAS-COELIAC FIL-POPOLAZZJONI MALTIJA

**Data ta' Skadenza : l-Erbgha 19 t'April 2023**

**Ittra ta' informazzjoni**

Għeżież ġenituri/tuturi,

Nixtiequ ninfurmawkom li bħalissa qed isir studju fuq il-marda tas-*coeliac* fost żgħażagħ Maltin ta' bejn it-12 u t-18-il sena. Dan qed isir sabiex din il-marda tkun magħrufa iktar u tinqabad f'perjodu fejn l-individwu jkun għadu ma żviluppax is-sintomi. B'hekk inkunu nistgħu nitrattaw il-marda b'mod iktar effettiv u mingħajr ħafna tbatija min-naħa tal-pazjent. Minn hawn nitolbu l-għajnuna u l-kooperazzjoni tagħkom sabiex tieħdu sehem f'dan l-eżerċizzju li jwassal għall-benefiċċju, sew għat-tifel jew tifla tagħkom, kif ukoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-informazzjoni li se tkun qed tingħabar ħa tkun miżmuma b'mod kunfidenzjali u nwiegħdu li ħa nkunu qed inżommu mal-linji gwida hekk kif maħruġa mill-bord tal-etika.

**Fiex tikkonsisti din ir-riċerka?**

Dalwaqt, fl-iskola fejn jattendi/tattendi t-tifel/tifla tagħkom, ser issir sessjoni mmexxija minn persuna kwalifikata. Dawn se jisiltu n-Numru tal-Kandidat tat-tifel/tifla tagħkom u d-*data* tal-Kwestjonarju mill-bażi ta' data fejn irreġistrajtu lit-tifel/tifla tagħkom u tajtu il-kunsens tagħkom (app.itamaproject.eu/register), u jgħajtu n-numru tal-kandidat tat-tifel/tifla tagħkom. Imbagħad, it-tifel/tifla tagħkom se jnewlu l-email li rċevejtu meta rreġistrajtu lit-tifel/tifla tagħkom, li jinkludi wkoll in-Numru tal-Kandidat, lil din il-persuna. Malli dan jiġi ċċekkjat, isir it-test. It-test jieħu ftit sekondi biex isir u kulma jinvolvi li wieħed jieħu qatra demm mit-tifel jew tifla tagħkom permezz ta' labra apposta biex isir test fuqha. It-test jagħti indikazzjoni jekk it-tifel jew it-tifla jistax ikollhom il-marda tas-coeliac. Ser tkunu infurmati bir-riżultat permezz ta' email u, jekk jiġi riżultat pożittiv, se tkunu offruti li jsirulkom iktar testijiet l-isptar bħala *out-patient*. Intom tirriservaw id-dritt li tieqfu tieħdu sehem f'dan l-istudju fi kwalunkwe fażi tiegħu.

**X'inhi l-marda coeliac?**

Din hija kundizzjoni fejn persuna ssir sensittiva għal proteina magħrufa bħala *gluten*. Din hija proteina li tinsab f'ikel bħall-qamħ u ċ-ċereali u li s-soltu ma tagħmilx ħsara. F'persuna li tbati bis-*coeliac*, din il-proteina twassal għal infjammazzjoni fil-musrana, li ma tibqax tassorbi l-minerali u n-nutrijenti li jittieklu. Din il-marda tista' taffettwa individwi mit-tfulija sa ma jsiru adulti. Madanakollu, is-*coeliac* toħrog l-aktar fit-tfal u fl-adolexxenti. Sal-lum il-ġurnata, l-aktar mod effettiv biex tikkontrolla din il-kundizzjoni huwa billi tieqaf milli tieħu *gluten* fid-dieta

tiegħek. Huwa stmat li 1 minn kull 100 individwu huwa affettwat minn din il-marda, però ħafna minnhom ma jkollhomx dijanjożi korretta.

**X'inhuma s-sintomi ta' din il-marda?**
L-iktar sintomi komuni ta' din il-marda huma dijarrea, dardir u remettar, uġigħ ta' żaqq u nefħa fiż-żaqq, nuqqas ta' aptit u diffikultà biex iżżid il-piż. Tista', madanakollu, ma jkollok xejn minn dan, imma jkollok sintomi oħra bħal anemija, mard fit-tirojde, problemi ta' mobbilta', dijabete u xi sinjali ta' nuqqas ta' vitamini u minerali. Fl-adulti, din il-kundizzjoni tista' twassal għal żvilupp ta' ċerti tumuri fil-musrana. Meta mhux trattata, din il-kundizzjoni twassal għal iktar mard u kumplikazzjonijiet.

**Kif nista' nikkura din l-kundizzjoni?**
Il-marda tas-*coeliac* tista' tiġi kkontrollata billi ma tiħux iktar *gluten* fl-ikel li tiekol. Dan iwassal sabiex il-musrana tirkupra u terġa' tibda sservi l-funzjonijiet tagħha. Dan iwassal biex jiġu evitati kumplikazzjonijiet li huma assoċjati ma' din il-kundizzjoni. Persuni li jbatu mis-*coeliac* huma eliġibbli għall-għajnuna mill-istat biex jixtru prodotti mingħajr *gluten*. Hemm ukoll ħafna għajnuna minn għaqdiet tas-*coeliac*.

**X'inhuma l-benefiċċji li joħorġu minn dan l-istudju?**
Qed noffru li nagħmlu dan it-test b'xejn biex ngħinukom tindunaw bil-marda u b'hekk tieħdu l-kura li hemm bżonn fi stadju fejn forsi l-ħsara fil-musrana tkun għadha fil-bidu. B'hekk, ikollkom iċ-ċans tevitaw kumplikazzjonijiet għal uliedkom.

L-għan aħħari huwa li dan l-istudju ser jgħinna nifhmu aktar din il-marda fil-kuntest tal-popolazzjoni Maltija. Dan ħa jgħin biex jitfassal pjan ta' *'screening'* għal din il-marda biex fil-ġejjieni nnaqqsu l-impatt ta' din il-marda fuq is-saħħa tat-tfal u l-adulti, u b'hekk intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti. Tistgħu ssibu iktar informazzjoni dwar dan il-proġett fuq is-sit elettroniku tagħna www.itamaproject.eu.

**Għalhekk nixtiequ nitolbukom ġentilment li tagħtu l-kunsens tagħkom biex it-tifel/tifla tagħkom jipparteċipa/tipparteċipa f'dan l-istudju billi timlew l-applikazzjoni li tinsab online fuq dan l-indirizz web sa nhar l-Erbgha 19 t'April 2023: app.itamaproject.eu/register . Wara li tirreġistraw se tirċievu email bin-numru tal-kandidat tat-tifel/tifla tagħkom. Dan għandu jingħata lit-tifel/tifla tagħkom biex jippreżentaw lill-persunal ikkonċernat fil-ġurnata tat-test. Jekk għandkom xi mistoqsijiet tistgħu tibagħtu email fuq info@itamaproject.eu.**

Dejjem tagħkom,
**Dr. Christopher Barbara**
**L-Isptar Mater Dei, Malta**

www.itamaproject.eu
info@itamaproject.eu